



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-1/17

**La Mafia Franchises, SL**

**vs**

**L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea La Mafia SE SIENTA A LA MESA – Raġuni assoluta għal rifjut – Trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità – Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa’ Awla) tal-15 ta’ Marzu 2018

- Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura għat-tressiq ta’ kawża — Kawża mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Eżami mill-ġdid tal-fatti fid-dawl tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemha — Esklużjoni*  
*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 65)*
  - Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità — Eżami b’riferiment għall-perċezzjoni tas-sinjal mill-pubbliku rilevanti — Persuna raġonevoli li għandha livelli medji ta’ sensitività u ta’ tolleranza*  
*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(f))*
  - Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità — Trade mark figurattiva La Mafia SE SIENTA A LA MESA*  
*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(f))*
  - Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju — Legalità — Prassi deċiżjonali preċedenti tal-Uffiċċju — Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni — Assenza ta’ effett*  
*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)*
  - Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Evalwazzjoni tal-karattru reġistrabbli ta’ sinjal — Teħid inkunsiderazzjoni tal-unika leġislazzjoni tal-Unjoni — Deċiżjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali li ma jorbtux il-korpi tal-Unjoni*  
*(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)*
- Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 16)

2. L-interess ġenerali li huwa l-bażi tar-raġuni assoluta għal rifjut imsemmi fl-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it- trademark tal-Unjoni Ewropea huwa li tiġi evitata r-reġistrazzjoni ta' sinjali li jippreġudikaw l-ordni pubbliku jew il-moralità bl-użu tagħhom fit-territorju tal-Unjoni. Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea hija kontra din ir-raġuni assoluta għal rifjut b'mod partikolari jekk tkun profondament offensiva.

L-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' dan ir-raġuni għal rifjut ma hijiex ibbażata fuq il-perċezzjoni tal-parti tal-pubbliku rilevanti li ma tixxokkja ruħha b'xejn, lanqas fuq il-perċezzjoni tal-parti tal-pubbliku li tista' tiġi offiża faċilment, iżda għandha titwettag abbażi ta' kriterji ta' persuna raġonevoli li għandha livelli medji ta' sensibbiltà u ta' tolleranza.

Barra minn hekk, il-pubbliku rilevanti ma jistax jiġi llimitat, għall-finijiet tal-eżami tal-imsemmi raġuni għal rifjut, għall-pubbliku li għalih jiġu indirizzati direttament il-prodotti u s-servizzi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-sinjali msemmija minn din ir-raġuni għal rifjut jixxokkjaw mhux biss il-pubbliku li jiġu indirizzati s-servizzi indikati mis-sinjal, iżda wkoll persuni oħra li, mingħajr ma jkun kkonċernati mill-imsemmija prodotti u servizzi, ser jkollhom jaffaċċjaw dan is-sinjal inċidentalment fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Għandu jitfakkar ukoll li l-pubbliku rilevanti li jinsab fit-territorju tal-Unjoni jinsab, b'definizzjoni, fit-territorju ta' Stat Membru u li s-sinjali li jistgħu jiġu pperċepiti bħala kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għall-moralità ma humiex l-istess fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari minħabba raġunijiet lingwistiċi, storiċi, soċjali jew kulturali.

Minn dan isegwi li, sabiex tiġi applikata l-imsemmija raġuni assoluta għal rifjut, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss iċ-ċirkustanzi komuni għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkustanzi partikolari għall-Istati Membri individwali li jistgħu jinfluwenzaw il-perċezzjoni tal-pubbliku rilevanti li jkun jinsab fit-territorju ta' dawn l-Istati.

Meta sinjal ikun ta' natura partikolarment xokkanti jew offensiva, dan għandu jitqies li jkun kuntrarju għall-ordni pubbliku jew il-moralità, ikunu xi jkun l-prodotti jew is-servizzi li għalihom ikun ġie rreġistrat. Barra minn hekk, mill-qari tal-inċiżi differenti kollha tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li dawn jirreferu għall-kwalitajiet intrinsiċi tat-trade mark inkwistjoni u mhux għal ċirkustanzi li jirrigwardaw l-aġir tal-persuna li hija l-applikant għat-trade mark.

(Ara l-punti 25-29, 40)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 30-48)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 49)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 50)